REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/964

tal-21 ta' Marzu 2024

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/2022-12-12.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/2023-06-17).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Apparat li jintlibes fuq l-idejn, li jaħdem bil-batterija (hekk imsejjaħ "smart watch"), li jikkonsisti minn skrin tattili tal-kulur AMOLED b'daqs djagonali ta' madwar 2,8 cm u minn ċinga tas-silikon, ippreżentat għal bejgħ bl-imnut f'sett flimkien maċ-ċarġer tiegħu. L-apparat fih ukoll: — 2 MB RAM, 32 MB ROM; — batterija 159 mAh; — sensur tal-aċċellerometru, sensur ġiroskopiku, sensur ottiku tar-rata tal-qalb; — konnettività Bluetooth 5.1. L-apparat mhuwiex mgħammar b'eSIM/SIM card u ma jistax tiddaħħal SIM card fih. Ma għandux kapaċità ta' Komunikazzjoni b'Kamp fil-Qrib. Mingħajr ma jkun akkoppjat ma' apparat ieħor, l-apparat jista' jintuża għal dawn li ġejjin: — il-wiri tal-ħin u d-data; — il-kejl tar-rata tal-qalb; — il-kejl tal-ħin tal-fażijiet tal-irqad; — l-għadd tal-passi; — reġistrazzjoni tal-veloċità L-apparat jista' jiġi akkoppjat jew konness ma' apparat ieħor, bħal smartphone ("apparat ospitanti") permezz tal-Bluetooth. Wara l-akkoppjament, id-*data* mkejla tiġi trażmessa lill-apparat ospitanti għal ipproċessar ulterjuri (permezz tal-applikazzjonijiet tiegħu). Wara l-akkoppjament, l-apparat jippermetti wkoll karatteristiċi bħal: — ir-riċeviment ta' notifiki ta' telefonati bil-possibbiltà biss li wieħed jirrifjutahom (it-telefonati ma jistgħux jitwieġbu), — l-iċċekkjar ta' notifiki ta' SMS billi tintwera l-ewwel parti tat-test bil-possibbiltà li wieħed jirreaġixxi għalihom (l-apparat joffri funzjoni ta' tweġiba rapida bl-SMS b'testi qosra predefiniti, iżda mhuwiex possibbli li dak li jkun jikteb messaġġ sħiħ u personalizzat), — it-tħaddim ta' applikazzjonijiet għad-daqq tal-mużika fuq l-apparat ospitanti, — it-tħaddim ta' diversi funzjonijiet relatati ma' programmi tas-saħħa fiżika u ta' attivitajiet sportivi, — it-traċċar tal-livell ta' stress.	9102 12 00	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1, 3(b), 3(c) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda ("GIR"), in-Nota 1(n) tat-Taqsima XVI u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 9102 u 9102 12 00. L-ismart watch u ċ-ċarġer jitqiesu bħala oġġetti ppreżentati għal bejgħ bl-imnut f'sett skont it-termini tal-GIR 3(b). L-ismart watch huwa l-komponent li jagħti l-karattru essenzjali lis-sett. L-ismart watch huwa oġġett kompost iddisinjat għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-intestatura 8517 (apparat għall-komunikazzjoni), tal-intestatura 9029 (pedometru), tal-intestatura 9031 (apparat għall-kejl jew għall-iċċekkjar) u tal-intestatura 9102 (arloġġ tal-idejn). L-ismart watch għandu diversi funzjonijiet ta' intestaturi oħrajn għajr tal-intestatura 8517 li jistgħu jiġu jitwettqu mingħajr ma jkun akkoppjat ma' apparat ieħor, bħall-kejl tar-rata tal-qalb, l-għadd tal-passi jew il-wiri tal-ħin u d-data. Id-diversi funzjonijiet imwettqa mill-ismart watch huma daqstant importanti għall-użu tiegħu. Konsegwentement, mhuwiex possibbli li tiġi ddeterminata l-funzjoni prinċipali tiegħu, jiġifieri l-komponent li jagħti lill-apparat il-karattru essenzjali tiegħu skont it-tifsira tal-GIR 3(b). Għalhekk, l-ismart watch mhuwiex komparabbli mal-oġġett deskritt fl-Opinjoni ta' Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata 8517.62/23. Konsegwentement, l-ismart watch għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM li jiġi l-aħħar f'ordni numeriku fost dawk li bl-istess mod jistħoqqilhom li jiġu kkunsidrati bl-applikazzjoni tal-GIR 3(c). Għalhekk, l-ismart watch għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 9102 12 00 bħala arloġġi tal-idejn, imħaddmin b'elettriku, kemm jekk ikollhom faċilità ta' stopwatch u kemm jekk le, b'display ottoelettronika biss.